**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**Decizjoni Nru** 1893

**Kaz Nru 2374/HW**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Ilona Ebejer**

**u**

**Eurochange Financial Services Limited (C 23282)**

**Dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta.**

16 ta' Dicembru, 2008

Chairman : Is-Sur Harold Walls M.Sc., DPM., IPD(UK).

Din il-Kwistjoni tax-Xoghol giet riferita lit-Tribunal Industrijali permezz ta' dikjarazzjoni pprezentata fir-registru tal-Qorti Superjuri datata 6 ta' Gunju 2006, biex tigi pprocessata mit-Tribunal Industrijali skond it-Termini ta' l-Att XXII tas-sena 2002, dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali.

Ms Ilona Ebejer li minn issa tidher bhala l-Appellanti kienet assistita mill-Avv. Luigi A. Sansone. Ghas-Socjeta Eurochange Financial Services Limited dehret Ms Marisa Bugelli li kienet assistita mill-Avv. Charlotte Camilleri.

Fl-istqarrija tal-Kaz, l-appellant tghid li fid-9 ta' Novembru, 2004 hija giet impjegata mas-Socjeta' Eurochange Financial Services Limited, fil-kariga ta' cashier fuq bazi full-time permezz ta' ftehim verbali ta' impjieg ghal perjodu indefint. Hija tghid ukoll, li b'effett mit-2 ta' April 2006, kienet giet verbalment imkeccija mill-post tax-xoghol ghal ragunijiet li sussegwentement gew lilha konfermati bil-miktub permezz ta' ittra datata 20 ta' April 2006. Fl'istqarrija tal-

kaz taghha hija tghid ukoll, li r-ragunijiet ta' tkeccija gew denunzjati minnha bhala llegali permezz ta' ittra mibghuta mill-konsulent legali taghha bid-data tas-27 ta' April 2006, u dan peress li ma kien hemm ebda raguni valida ta' tkeccija ghal incident li inqala fis-17 ta' Marzu 2006, li skond Eurochange Financial Services Limited kien ta' lok ghat-tkeccija u li sehh fuq sfond ta' incident simili f'Novembru tal-2005, u dan ghaliex li id-diskrepanzi ta' LM27 fil-konteggi gew rezi noti mid-dikjaranta stess lil Eurochange Finacial Services Limited meta saret taf b'dan fil-21 ta' Marzu 2006, u oltre tali diskrepanzi zghar sehhew ghal ragunijiet sa llum mhux maghrufa mid-dikjaranta u li ma jistghux jigi mputati lilha.

L-Appellanti fl'istqarrija tal-Kaz taghha tkompli tghid, li ma hemm assolutament ebda raguni valida l-ghala d-dikjaranta ma kellhiex tgawdi l-fiducja assoluta tas-Socjeta u fuq kollox ma kien hemm ebda raguni valida fil-ligi li tiggustifika t-tkeccija mill-post tal-impieg taghha. Hija tghid ukoll, li l-incident li sehh fl'2005 ma kienx incident simili, dan kien frott ta' zball zghir amministrattiv in pjena bwona fede minn naha taghha abbinat ma sens ta' imbarazzament ghal tali zball li kien dwassal biex Eurochange Financial Services Limited saret taf bl-izball qabel ma d-dikjaranata rrettifikat tali zball, u Eurochange Financial Sercvices Limited kienet ufficjalment accettat l-ispjega taghha tant hu hekk li baqghet fl-impieg ghal madwar erbgha xhur ohra. Hija tghid ukoll, li retrospettivament jidher car li s-Socjeta baqghet tnutri sentimenti ta' sfiducja u ta' susspett fil-konfront taghha, u ma l-ewwwel okkazzjoni notata ta' diskrepanza fil-konteggi, is-Socjeta sabet skuza ghal tkeccija, liema skuzanti hija pero wahda ngusta u bhala tali llegali. Fl'istqarrija taghha hija tkompli tghid, li l-ammont ta' LM17.02 offert mid-dikjaranta lill-Eurochange Fiancial Services Limited fis-27 ta' April 2006 permezz ta' cheque mahrug fuq Sansone Naudi Advocates, liema cheque sal-gurnata tal-prezentata ta' din id-dikjarazzjoni ghadu ma giex imsarraf minn Eurochange Fianacial Services Limited, jitratta dwar diskrepanzi ohra zghar li sehhew ftit wara li gara l-incident tal-17 ta' Marzu 2006, ghall-liema diskrepanzi d-dikjaranta kienet lesta thallas malli dawn gew a konoxxenza taghha, u l-istess sehhew biss kagun ta' zball uman b'ona fede assoluta, tneut kont tan-natura tax-xoghol taghha li kien

jinvolvi transazzjonijiet kontiwi ta' flus fejn zbalji zghar genwini waqt il-korsa tax-xoghol huma okkorrenza normali u naturali u li, meta jkunu episodji izolati, kontenuti u jsiru in bwona fede u wara jigu retifikati, m'ghandhomx joperaw b'mod li jippregudika posizzjoni f'impieg b'tali mod li jiggustifikaw t-tkeccija mill-post tax-xoghol.

L-Appellanti fl'istqarrija tal-Kaz taghha tkompli tghid, li minkejja l-ispjegazzjoni taghha, il-pozizzjoni tas-Socjeta baqghet l-istess u tterminat l-impieg taghha. Hija tghalaq id-dikjarazzjoni tal-kaz taghha fejn talbet lit-Tribunal Industrijali biex jilqa l-ilment taghha u inter alia jordna dwar il-provvedimenti xierqa u opportuni fic-cirkustanzi fil-konfront ta' Eurochange Financial Services Limited imsemmija fl-artiklu 81(2) tal-Kap 452, bl-ispejjez relattivi skond il-ligi.

Ghas-Socjeta' intimata da parti taghha qalet, li meta l-appellanti kienet giet impjegata mas-Socjeta fil-bidu ta' l-impieg taghha kienet inghatat hmistax il-gurnata tahrig kif ukoll handbook biex hija tkun taf xi procedura ghandha ssegwi jekk ma taqbilx fil-bilanc fl-ahhar tal-gurnata. Is-Socjeta tghid ukoll, li f'okkazzjoni precedenti u cioe fil-15 ta' Novembru 2005, saret "spot check" fuq ix-xoghol taghha fejn rrizulta falsikfikazzjoni tal-"closing sheets" u tar-reconciliation sheets u konsgwentament kien hemm misappropjazzjoni ta' mitejn u tnejn u disghin liri Maltin fi flus u kif ukoll mitejn u hdax il-Liri Maltin f'cards tal-go mobile, Vodafone u primatel. Is-Socjeta tghid, li l-appellanta kienet nghatat xahar zmien sabiex tirrifondi lill-Kumpanija l-ammont komplessiv ta hames mija u tlett Liri Maltin u disghin centezmu rapprezentanti l-flus u l-cadrs misappropijati hawn fuq imsmmija. Is-Socjeta tghid ukoll, li f'dik l-okkazzjoni l-appellant kienet halset dak kollu li kien dovut lilha sa l-ahhar ta' Dicembru 2005 u hija giet nfurmata direttament mais-Sinjura Marisa Bugelli illi kien kaz ta' tali gravita li setghet tehodha l-Ghassa tal-puluzija. Is-Socjeta tghid ukoll, li l-appellanti kienet giet ukoll imwissija illi ma l-ewwel darba li jinstab xi irregolarita fl-impieg taghha, jigi tterminat minghajr pre-avviz iehor.

Is-Socjeta tghid ukoll, li minkejja dan kollu fis-16 ta' Marzu 2006, bi svista tas-Socjeta Eurochange Financial Services Ltd, Ilona Ebejer giet mghoddija sebgha u ghoxrin Liri Maltin zejda u hija ma nfurmatax lis-Socejta b'dan l-izball. Illi segwentament is-Socjeta ndunat bl-izball u fit-23 ta' Marzu 2006 saret spot check u dan l-ammont nstab nieqes. Sussugwentament, hija nghatat zmien biex tiggustifika ruhha ghal dan in-nuqqas izda hija baqghed inadempjenti. Illi ghal din ir-raguni s-Socjeta tilfet kull fiducja f'din l-impjegata u tterminat l-impjieg taghha minn mas-Socjeta.

Mill-provi jirrizulta, li r-rikorrent kienet giet impjegata mal-Kumpanija Eurochange Financial Services Limited fid-9 ta' Novembru 2004 fil-grad ta' kaxxiera.

Mill-provi jirrizulta wkoll, li matul il-perjodu ta' l-impieg taghha l'appellanta kellha kaz ta' dixxiplina li kien sehh f'Novembru 2005, fejn minkejja li fl-ahhar tal-gurnata tax-xoghol taghha kienet qed tiddokumenta fir-reconciliation sheet taghha li kienet qed taqbel, fil-fatt kien instab li kellha diskrepanza ta' madwar LM 500 (hames mitt lira fi flus Maltin) li kienu jikkoncernaw flus kontanti u mobile card. L'appellanta f'dan il-kaz li kellha kienet halset il-flus dovuti u giet moghtija twissija serja.

Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-kaz li wassal ghat-terminazzjoni ta' impjieg ta' l-appellanta kellu dawn il-fatti segwenti; Fis-16 ta' Marzu 2006, impjegata ohra bhala kaxxiera Elena Mizzi meta ghalqet il-gurnata tax-xoghol taghha halliet LM 1874 go envelope u b'dan infurmat b'email lill Head Office. Ir-rikorrent meta dahlet l-ghada ghax-xoghol sabet dan l-envelope u fih kkonfermat li kien hemm l-ammont ta' LM 1874 u dan l-ammont gie kkonfermat mal-Head Office. Izda, minn naha tal-Head Office ghamlu zball meta ghamlu trasferiment ta' l-ammont minn fuq Elena Mizzi ghal fuq il-kont ta' Ilona Ebejer li minflokk ittrasferew l-ammont ta' LM 1874 huma ittrasferew l-ammont ta' LM 1847. Dan l-izball kellu jirrizulta li ir-rikorrent meta fl-ahhar tal-gurnata tirrikoncilja, kellha ssib LM27, jigifieri l-izball

li sar mill-Head Office bejn l-ammont ta' LM1847 iminzzel fuq il-kont taghha ghall-ammont attwali ta' flus kontanti ta' LM1874 kellu jirrizulta f'diskrepanza ta' LM27 favur taghha. Mill-provi jirrizulta ukoll, fil-granet tax-xoghol li hadmet bdiet turi fir-reconciliation sheet li kienet qed taqbel, konsegwentament, il-management meta nduna x'gara investiga l-kaz u iddecieda li peress li l-appellant kienet taf li flus kontanti kellha LM1874, kienet taf ukoll li meta sar it-trasferimnet mill-Head Office kienu hadu zball u li minflok nizlu fuq l-account taghha LM1874 huma nizlu LM1847, u kienet taf li kien hemm diskrepanza ta' LM27 favur taghha, minflok li nfurmat l-management b'dan, baqghet tahdem fuq l-ammont ta' LM1847 minflok ta' LM1874 biex ivvantaggjat ruha mill-ammont imsemmi. Konsegwentament, il-management iddecieda li dan kien kaz ta' dixxiplina u meta ttiehdet inkonsiderazzjoni kaz iehor ta' dixxiplina li kellha ftit tax-xhur qabel, b'dan il-kaz kien jimmerita li jigi tterminat l-impieg taghha.

It-Tribunal Industrijali jikkunsidra diversi aspetti ta' dan il-kaz u jibda biex jikkunsidra li gie kkonfermat li l-ammont ta' physical cash li kellha ir-rikorrent kien dak ta' LM 1874 u liema ammont kien hemm konferma li kien instab minn naha tar-rikorrent. It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li minkejja li l-Head Office ghamlu zball u indikaw li kien hemm LM 1847, pero dan l-izball kellu jirrizulta li ir-rikorrent kellu jkollha LM 27 aktar fil-cash taghha, liema ammont ma nstabx li kellha. It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll li l-appellanta kellha tinduna bl'izball li sar mill-Head Office ghax hi kienet taf li ttrasferew fuqha LM 1847 minflok LM 1874 u ghaldaqstant kient taf li kien hemm diskrepanza ta' LM 27 favur taghha, minn dak li ddikjara il-Head Office, ghal dak li kellha fizikament flus fl'envelope. It-Tribunal Industrijali jikkunsdra wkoll, li ir-rikorrent kient qed tindka fir-reconciliation sheet taghha li kienet qed taqbel u ma tghat l-ebda indikazzjoni lill-management li fir-rejalta kellaha diskrepanza favur taghha.

Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra l-Istatemts of case tal-partijiet, kif ukoll ra u ezamina d-dokumenti esebiti, semgha u evalwa x-xhieda prodotta u l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz dejjem fid-dawl tal-konsiderazzjoni tieghu citati

hawn, it-Tribunuali Industrijali isib li l-appellanta kellha nuqqas serju fil-qadi ta' dmirijietha u liema kaz kien jimmeritra dixxiplina. It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li l-appellanta diga kellha kaz iehor ta' dixxiplina serju ftit tax-xhur qabel u ghaldaqstant id-decizjoni tal-Kumpanija li tittermina l-impieg tar-rikorrent fuq bazi ta' dixxiplina hija decizjoni valida u ma saritx bi ksur tal-ligi.

It-Tribunal Industrijali jistabilixxi d-drittijiet ta'min assista fl'ammont ta' E93.18

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-xoghol

Harold Walls
Chairman

Vera kopja

M'Rose Galea
Segretarja.